



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0163/2024**

4.4.2024

# **RAPPORT**

dwar emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament rigward it-taħriġ dwar il-prevenzjoni tal-kunflitt u l-fastidju fil-post tax-xogħol u dwar ġestjoni tajba tal-ufficċċeu  
(2024/2006(REG))

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Rapporteur: Gabriele Bischoff

PROPOSTA GĦAL DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRČEVET KONTRIBUT MINGĦANDHOM .....	6
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	7
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	8

## **PROPOSTA GħAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament rigward it-taħriġ dwar il-prevenzjoni tal-kunflitt u l-fastidju fil-post tax-xogħol u dwar ġestjoni tajba tal-uffiċċju**

**(2024/2006(REG))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 236 u 237 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijet Kostituzzjonali (A9-0163/2024),
- 1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;
- 2. Jiddeċiedi li dawn l-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2024;
- 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

### **Emenda 1**

#### **Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 2**

##### *Test fis-seħħħ*

Il-Membri ma jistgħux jiġu eletti għal-kariga fil-Parlament jew f'wieħed mill-korpi tiegħu, jinhattru bħala rapporteur, jew jipparteċipaw f'delegazzjonijiet uffiċċiali jew f'neqozjati interistituzzjonali, jekk ma jkunux iffīrmaw id-dikjarazzjoni *relatata* ma' dak il-Kodiċi.

##### *Emenda*

Il-Membri ma jistgħux jiġu eletti għal-kariga fil-Parlament jew f'wieħed mill-korpi tiegħu, jinhattru bħala rapporteur, jew jipparteċipaw f'delegazzjonijiet uffiċċiali jew f'neqozjati interistituzzjonali:

*(a) jekk ma jkunux iffīrmaw id-dikjarazzjoni li **tikkonferma l-impenn tagħhom li jikkonformaw ma' dak il-Kodiċi, inkluża t-testija tat-taħriġ speċjalizzat organizzat għalihom mill-Parlament dwar il-prevenzjoni tal-kunflitt u l-fastidju fil-post tax-xogħol u dwar ġestjoni tajba tal-uffiċċju; jew***

*(b) jekk ma jkunux lestew it-taħriġ speċjalizzat imsemmi fil-punt (a) bi ksur tal-iskadenza u tal-kundizzjonijiet*

*stabbiliti f'dak il-Kodiċi.*

## Emenda 2

### Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 21 – paragrafu 1

#### *Test fis-seħħ*

Il-Konferenza tal-Presidenti, permezz ta' maġġoranza ta' tlieta minn kull ġumes voti mitfugħa, liema voti jirrappreżentaw mhux anqas minn tliet partiti politiċi, tista' tiproponi lill-Parlament jagħlaq iż-żmien tal-kariga tal-President, ta' Viċi President, ta' Kwestur, president jew viċi president ta' kumitat, ta' president jew ta' viċi president ta' delegazzjoni interparlamentari, jew ta' kwalunkwe detentur ta' xi kariga elett mill-Parlament, fejn tqis li l-Membru **in kwistoni** jkun ġati ta' kondotta ħażina serja. Il-Parlament għandu jieħu deċiżjoni fuq dik il-proposta b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħha, li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-Membri li jagħmlu parti minnu.

#### *Emenda*

Il-Konferenza tal-Presidenti, permezz ta' maġġoranza ta' tlieta minn kull ġumes voti mitfugħha, liema voti jirrappreżentaw mhux anqas minn tliet partiti politiċi, tista' tiproponi lill-Parlament jagħlaq iż-żmien tal-kariga tal-President, ta' Viċi President, ta' Kwestur, president jew viċi president ta' kumitat, ta' president jew ta' viċi president ta' delegazzjoni interparlamentari, jew ta' kwalunkwe detentur ta' xi kariga elett mill-Parlament, fejn tqis:

(a) li l-Membru **inkwistjoni** kien ġati ta' mgħiba ħażina serja, *jew*

(b) li l-Membru **inkwistjoni ma jkunx lesta t-taħriġ speċjalizzat organizzat għalih mill-Parlament Ewropew dwar il-prevenzjoni tal-kunflitt u l-fastidju fil-post tax-xogħol u dwar ġestjoni tajba tal-uffiċċju bi ksur tal-iskadenza u tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kodiċi ta' mgħiba xierqa għall-Membri tal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-mandat tagħhom <sup>12a</sup>.**

Il-Parlament għandu jieħu deċiżjoni fuq dik il-proposta b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħha, li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-Membri li jagħmlu parti minnu.

---

<sup>12a</sup> Ara l-Anness II.

### Emenda 3

#### Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 21 – paragrafu 2

*Test fis-seħħ*

Meta rapporteur *jikser id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward ta' integrità u trasparenza<sup>13</sup>*, il-kumitat li ħatru jista', fuq l-inizjattiva tal-President u fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti, itemm tali mandat. Il-maġġoranzi rikjesti fl-ewwel paragrafu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull stadju ta' din il-proċedura.

*Emenda*

Meta rapporteur *ikun instab ħati ta' mgħiba ħażina serja jew ma jkunx lesta t-taħriġ speċjalizzat imsemmi fl-ewwel paragrafu, il-punt (b), bi ksur tal-iskadenza u tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kodiċi ta' mgħiba xierqa għall-Membri tal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-mandat tagħhom*, il-kumitat li ħatru jista', fuq l-inizjattiva tal-President u fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti, itemm l-eżerċizzju ta' dik il-kariga. Il-maġġoranzi rikkesti fl-ewwel u **fit-tieni** paragrafu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kull stadju ta' din il-proċedura.

### Emenda 4

#### Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 176 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

*Test fis-seħħ*

Fir-rigward **tal-Artikolu** 10 (6), il-President jista' jadotta biss deċiżjoni motivata skont dan l-Artikolu wara li jiġi stabbilit li seħħ fastidju skont il-proċedura amministrattiva interna applikabbli dwar il-fastidju u l-prevenzjoni tiegħu.

*Emenda*

Fir-rigward **tal-projbizzjoni ta' kwalunkwe tip ta' fastidju psikoloġiku jew sesswali stabbilita fl-Artikolu 10(6), l-ewwel subparagrafu**, il-President jista' jadotta biss deċiżjoni motivata skont dan l-Artikolu wara li jiġi stabbilit li seħħ fastidju skont il-proċedura amministrattiva interna applikabbli dwar il-fastidju u l-prevenzjoni tiegħu.

### Emenda 5

#### Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness II – punt 5

*Test fis-seħħ*

5. Fejn meħtieġ, il-Membri jikkooperaw ***minnufih u*** bis-sħiħ mal-proċeduri stabbiliti ***sabiex*** jiġġestixxu s-sitwazzjonijiet ta' kunflitt jew ta' fastidju (psikoloġiku jew sesswali), inkluż billi jirrispondu malajr għal kwalunkwe allegazzjoni ta' fastidju. Il-Membri għandhom jieħdu sehem f'taħriġ speċjalizzat organizzat għalihom dwar il-prevenzjoni tal-kunflitt u l-fastidju fil-post tax-xogħol u dwar ġestjoni tajba tal-uffiċċju.

*Emenda*

5. Fejn meħtieġ, il-Membri jikkooperaw bis-sħiħ, ***f'konformità*** mal-proċeduri stabbiliti ***mill-Bureau, bil-għan li*** jiġġestixxu s-sitwazzjonijiet ta' kunflitt jew ta' fastidju (psikoloġiku jew sesswali), inkluż billi jirrispondu malajr għal kwalunkwe allegazzjoni ta' fastidju.

Il-Membri ***li jkunu għadhom ma għamlux dan*** għandhom jieħdu sehem f'taħriġ speċjalizzat organizzat għalihom ***mill-Parlament Ewropew*** dwar il-prevenzjoni tal-kunflitt u l-fastidju fil-post tax-xogħol u dwar ġestjoni tajba tal-uffiċċju ***għandhom jagħmlu dan it-taħriġ. Dak it-taħriġ speċjalizzat għandu jittlesta fi żmien l-ewwel sitt xħur tal-mandat tal-Membru ħlief f'każijiet eċċeżżjonali debitament sostanzjati. Iċ-ċertifikati ta' tħalli ja' iż-żgħid fuq is-sit web tal-Parlament.***

***Jitqies bħala ksur serju tal-Artikolu 10(6) jekk Membru ma jkunx lesta t-taħriġ speċjalizzat bi ksur tat-tieni subparagrafu. Dak il-ksur għandu jwassal, skont l-Artikolu 176, għall-impożizzjoni ta' penali waħda jew aktar.***

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRČEVET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	3.4.2024	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	14 9 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gabriele Bischoff, Leila Chaibi, Włodzimierz Cimoszewicz, Ana Collado Jiménez, Daniel Freund, Charles Goerens, Sandro Gozi, Brice Hortefeux, Jaak Madison, Antonio Maria Rinaldi, Domènec Ruiz Devesa, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Sven Simon, Loránt Vincze, Rainer Wieland	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gilles Boyer, Mercedes Bresso, Christian Doleschal, Sophia in 't Veld, Miapetra Kumpula-Natri, Niklas Nienauß	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	François Thiollet, Lucia Vuolo	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>14</b>	<b>+</b>
Renew	Gilles Boyer, Charles Goerens, Sandro Gozi
S&D	Gabriele Bischoff, Mercedes Bresso, Włodzimierz Cimoszewicz, Miapetra Kumpula-Natri, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira
The Left	Leila Chaibi, Helmut Scholz
Verts/ALE	Daniel Freund, Niklas Nienab, François Thiollet

<b>9</b>	<b>-</b>
ID	Jaak Madison, Antonio Maria Rinaldi
PPE	Ana Collado Jiménez, Christian Doleschal, Brice Hortefeux, Sven Simon, Loránt Vincze, Lucia Vuolo, Rainer Wieland

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni